MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 11/2011

**Katia Borg**

**Vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u b'digriet tat-23 ta' Jannar 2012 gie kjamat in kawza l-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment**

**It-Tribunal,**

Ra l-ittra ta' appell tar-rikorrenti Katia Borgipprezentata minnha fil-Bord tal-Appelli dwar it-Trasport li permezz taghha appellat mid-decizjoni tal-Ministeru kjamat in kawza li permezz taghha kien irrifjuta l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni fuq il-vettura tar-rikorrenti u cioe dik tal-ghamla Volkswagon Touareg bin-numru ta' registrazzjoni Taljan CZ 302 GL.

Ra r- risposta tal-Awtorita' intimata ipprezentata fid-19 ta' Mejju 2011 fejn eccepiet is-segwenti:-

*"*

*(1) Illi l-Awtorita` esponenti m'hiex il-legittimu kontraduttur f'din il-kwistjoni u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dan peress illi kwalunkwe decizjoni mehuda in konnessjoni mal-applikazzjoni tar-rikorrenti in kwantu jirrigwarda l-helsien tal-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni abbazi ta' residenza permanenti barra minn Malta tittiehed unikament mill-Ministeru responsabbli mill-Finanzi u dana skont ir-Regolament 10 tar-Regoli tal-2009 dwar Ezenzjonijiet mit-Taxxa tar-Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (A.L. 196/2009) u inoltre l-Awtorita` esponenti m'ghandha ebda sehem la fil-konsiderazzjonijiet u lanqas fid-decizjonijiet ta' tali talbiet ghall-ezenzjoni.*

*(2) Illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dana peress illi d-decizjoni in kwistjoni hija legali, gusta u ghandha tigi kkonfermata."*

Ra illi permezz ta' digriet datata 23 ta' Jannar 2012, it-Tribunal laqa' t-talba tar-rikorrent sabiex issejjah fil-kawza lill-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment;

Ra r-risposta tal-Ministeru kjamat in kawza ipprezentata fil-21 ta' Mejju 2012 fejn eccepixxa s-segwenti:-

*"Illi t-talba tar-rikorrenti ghal ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni fuq vettura migjuba f'Malta mir-rikorrenti ma tistax tintlaqa' stante illi r-rikorrenti, anke mill-provi prodotti tul dawn il-proceduri, ma ppruvatx illi l-vettura taghha kienet qeghda tuzaha 24 xahar barra minn Malta. Ghal kuntrarju jirrizulta illi hija kienet tigi hawn Malta bl-istess vettura tul l-istess zmien."*

Ra li dan l-appell gie assenjat lil dan it-Tribunal wara li gie fis-sehh l-Att XV tal-2009 (Att Dwar l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta) fejn wara l-1 ta' Settembru 2009 appelli pendenti quddiem il-Bord tal-Appelli Dwar it-Trasport gew trasferiti ghal quddiem dan it-Tribunal, u b'hekk dan it-Tribunal sar kompetenti li jiddeciedi l-materja in kwistjoni;

Ra l-atti kollha pendenti quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Trasport;

Ra l-affidavit ta' Stephen Abela u d-dokumenti annessi mieghu[1] u l-affidavit tar-rikorrenti[2];

Sema' x-xhieda ta' Elaine Bugeja in rapprezentanza tal-Ministeru kjamat in kawza u ra d-dokumenti kollha esebiti minnha[3];

Sema' x-xhieda ta' Brian Farrugia in rapprezentanza tal-Awtorita` intimata[4];

Ra d-dokumenti l-ohra kollha esebiti mill-partijiet;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti;

Ra n-nota responsiva tal-Ministeru kjamat in kawza;

Ra li l-appell thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi permezz ta' decizjoni tal-Ministeru kjamat in kawza datata 19 ta' Gunju 2009 ir-rikorrenti giet infurmata bis-segwenti u cioe:-

*"Reference is made to your application for an exemption under Article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence).*

[1] A fol. 51 sa 82
[2] A fol. 109 u 110
[3] A fol. 112 A sa 112F
[4] A fol. 148 sa 150

*It is regretted that this Ministry cannot accede to your request. From records held at ADT, it transpires that you* ***have been using the said motor vehicle in Malta for at least the past three years****.*[5] *As a result you do not qualify for the transfer of residence exemption.*

*May we inform you that you have the right to appeal from this decision in accordance with the procedure laid down in the Second Schedule to the Malta Transport Authority Act. A copy of this procedure is attached. The appeal, accompanied by the prescribed fee (cheque payable to ADT), shall be addressed to: Transport Appeals Board, Malta Transport Authority, Triq Sa Maison, Floriana FRN 1613, and marked "Exemption of Transfer of Residence".*[6]

Illi r-rikorrenti hassitha aggravata bl-imsemmija decizjoni u interponiet dan l-appell.

Illi dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-ewwel u qabel kollox ghandha tigi indirizzata **l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata** li permezz taghha qieghdha teccepixxi li hija mhix il-legittimu kontradittur f'din il-kwistjoni u kwindi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Dan, l-Awtorita` intimata qieghdha ssostnih ghaliex skond hi ma kellha l-ebda rwol fid-decizjoni tal-Ministeru kjamat in kawza.

Illi huwa car daqs il-kristall li l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u l-Ministeru kjamat in kawza huma zewg entitajiet separati u distinti minn xulxin. L-entita` li skond il-Ligi hija moghnija bil-poter li takkorda l-ezenzjoni tat-taxxa tar-registrazzjoni ta' vetturi huwa l-Ministru ghall-Finanzi, liema poter gie delegat lit-*Transfer of Residence Exemption Board* permezz ta' artikolu 19 (2) (d) tal-Kapitolu 368 tal-Ligijietta' Malta u Regolament 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01. L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta m'ghandha l-ebda poter tiddeciedi jekk vettura tikkwalifikax jew le ghall-ezenzjoni pero l-istess Awtorita` trid timxi abbazi ta' dak deciz mill-imsemmi Bord.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Awtorita` intimata ghandha ragun fl-ewwel eccezzjoni taghha u ghalhekk se jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.

---

[5] Enfasi tal-Qorti
[6] A fol. 15

Illi sorvolati din il-kwistjoni preliminari, it-Tribunal issa se jidhol fil-mertu tar-rikors odjern.

Illi jirrizulta mill-provi mressqa mir-rikorrenti illi hija marret tghix fl-Italja fl-2005.

Fl-2006 bdiet issegwi kors offrut mill-Kumpanija Maltija GABA Diamonds relatat mal-gojjellerija. Ghalhekk, ir-rikorrenti kienet talbet ghal ezenzjoni lill-Awtorita` intimata, jew ahjar lill-predecessur taghha l-Awtorita` Dwar it-Trasport Ta' Malta, sabiex tkun tista' tinzel bil-vettura taghha hawn Malta sabiex issegwi l-istess kors, liema ezenzjoni inghatat ghal sentejn u cioe sal-2008 meta kellu jintemm l-istess kors.[7] Illi fl-2008 ir-rikorrenti regghet applikat ghal estensjoni tal-ezenzjoni moghtija precedentement ghaliex kienet se tkompli kors iehor, dejjem ma' Gaba Diamonds, liema ezenzjoni ma nghatatx.[8]

Illi fl-2009 ir-rikorrenti iddecidiet li terga' tirritorna lejn Malta sabiex terga' tibda tghix hawnhekk u ghalhekk applikat sabiex tottjeni ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura in kwistjoni.

Illi mill-affidavit tar-rikorrenti[9], mill-affidavit ta' Stephen Abela[10], u mill-minuti tas-seduta tal-Bord tal-Appelli dwar it-Trasport tas-7 ta' Ottubru 2009[11], jirrizulta illi l-kors li r-rikorrenti bdiet fl-2006 kien wiehed b'korrispondenza u ghalhekk hi kienet titla' u tinzel bejn Malta u l-Italja kull tant zmien.

Illi l-Ministeru kjamat in kawza irrifjuta l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni ghaliex skond ir-*records* li gew mghoddija lilu mill-Awtorita` intimata **irrizultalu li r-rikorrenti kienet ilha tuza l-vettura hawn Malta sa minn tlett snin qabel id-data tal-applikazzjoni**.

Illi r-rikorrenti targumenta illi l-Ministeru kjamat in kawza ta interpretazzjoni zbaljata ghall-ittra li hija kitbet lill-Awtorita` intimata biex tinghata ezenzjoni

[7] Dok B a fol. 138
[8] Dok E a fol. 141
[9] Dok KAB 1 a fol. 109
[10] A fol. 51
[11] Ara fol. 16

milli thallas it-taxxa tar-registrazzjoni ghax assuma li tul il-perjodu kollu li ghalih hija talbet l-ezenzjoni hija fil-fatt kienet qieghdha toqghod hawn Malta u kienet qed tuza l-vettura in kwistjoni. Illi abbazi ta’ din l-assunzjoni zbaljata, il-Ministeru kjamat in kawza irrifjuta l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni.

Illi dan it-Tribunal kellu l-opportunita` li jezamina l-kwantita` ta’ dokumenti li gew esebiti mir-rikorrenti u mis-sieheb taghha Stephen Abela fil-mori ta’ dawn il-proceduri. Minn dawn id-dokumenti jirrizulta, fost affarijiet ohra, is-segwenti:-

a. Id-dokumenti kollha mahrugin fl-Italja relatati mal-vettura in kwistjoni jaslu sal-2008;

b. L-ahhar ricevuta ta’ kera ta’ residenza fl-Italja tar-rikorrenti tkopri l-perjodu sal-15 ta’ Gunju 2008[12];

c. L-ahhar ricevuta ta’ mekkanik li hadem fuq il-vettura gewwa l-Italja tirrisali ghall-1 ta’ Settembru 2008[13];

d. Il-hlas tal-parkegg ghall-vettura gewwa l-Italja thallas fil-28 ta’ Settembru 2009 u dan kien jirrigwarda parkegg ta’ vettura mill-5 ta’ Jannar 2008 sat-28 ta’ Frar 2009;[14]

e. Il-vettura waslet Malta permezz tal-Catamaran fl-20 ta’ Frar 2009[15];

Illi t-Tribunal josserva li r-regim legali li kien jirregola l-ezenzjoni tat-taxxa ta’ registrazzjoni meta saret l-applikazzjoni *de quo* kien il-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Avviz Legali 196 tal-2009 liema Avviz Legali f’Regolament 3 stipula li l-istess Avviz Legali beda jsehh mill-1 ta’ Jannar 2009 u kwindi applikabbli ghall-kaz in ezami.

Illi skond Regolament 4 (1) tal-Avviz Legali 196 tal-2009:

*“L-eżenzjoni taħt is-subartikolu (3) (i) tal-artikolu 19 tal-Att[16] tingħata lil vettura bil-mutur li tkun proprjetà personali ta’ individu privat u tkun qed tiġi impurtata jew tkun qed tinġieb*

[12] A fol 124
[13] A fol. 7
[14] Dok SA10 a fol 63
[15] Vide dokument a fol. 55
[16] Kap 368 (Att Dwar ir-Registrazzjoni u Licenzjar ta’ Vetturi bil-Mutur)

*b'mod permanenti f'Malta mill-indvidwu meta jkun qed jittrasferixxi r-residenza tiegħu minn post barra minn Malta għal post f'Malta:*

*Iżda –*

*(a) dik il-persuna trid tkun ilha tgħix barra minn Malta għal perijodu kontinwu ta' aktar minn erbgħa u għoxrin xahar qabel it-trasferiment tar-residenza tagħha lejn Malta;*

*(b)* ***il-vettura bil-mutur tkun ilha fil-pussess tagħha u tkun ilha tużaha barra minn Malta għal tal-anqas erbgħa u għoxrin xahar qabel id-data li fiha hu ma baqax ikollu r-residenza tiegħu barra minn Malta;***

*(ċ) tkun reġistrata f'isimha jew f'isem waħda jew wieħed mill-konjugi fejn dan ikun japplika;*

*(d) dik il-persuna jkollha liċenza tas-sewqan valida;*

*(e) il-vettura tkun trid tiġi impurtata jew miġjuba f'Malta fi żmien tnax-il xahar minn meta l-individwu jitrasferixxi r-residenza tiegħu;*

*(f) il-vettura ma tkunx tista' tinbiegħ, tingħata lil xi ħadd, tintrema, tinkera jew tiġi mislufa wara l-vettura tiġi impurtata jew imdaħħla f'Malta sakemm ma titħallasx fuqha t-taxxa ta' reġistrazzjoni relatata ma' dik l-eżenzjoni skond id-disposizzjonijiet tal-Ewwel u t-Tienu Skeda li jinsabu mal-Att."*

Illi skond ix-xhud **Elaine Bugeja,** rapprezentanta tal-Ministeru kjamat in kawza, kienet ir-rikorrent nnifisha li iddikjarat li kienet qed taghmel kors Malta u nizlet bil-karozza bejn l-1 ta' Marzu 2006 u t-28 ta' Frar 2008.[17] Illi abbazi ta' dan il-fatt it-*Transfer of Residence Exemption Board* irrifjuta l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni.

Illi t-Tribunal ma jaqbel xejn mal-mod kif l-istess Bord interpreta d-dokumenti li ghaddietlu l-Awtorita` intimata. Huwa veru li r-rikorrenti segwiet kors ta' gojjellerija hawn Malta mill-2006 sal-2008. B'dana kollu, anke jekk xi drabi giet bil-karozza taghha mill-Italja, ma jfissirx li **hija kienet ilha tuza l-vettura taghha hawn Malta fit-tlett snin ta' qabel l-applikazzjoni.** Illi kif spjegat ir-rikorrenti, liema fatt ma giex kontradett la mill-Awtorita` intimata u lanqas mill-Ministeru kjamat in kawza, il-kors li kienet qed issewgi kienet wiehed b'korrispondenza. Dan ifisser li ma kienx hemm bzonn il-presenza taghha kontinwa f'Malta. Kien biss f'xi okkazzjonijiet li hija nizlet hawn Malta u ghal dawk l-okkazjonijiet hija ottjeniet permess biex tkun tista' ticcirkola bil-vettura taghha minghajr il-bzonn li thallas it-taxxa ta' registrazzjoni.

Illi l-Bord kien zbaljat meta assuma li ghaliex inghatat l-ezenzjoni mill-Awtorita` intimata allura l-vettura tar-rikorrenti kienet ingabet hawn Malta u baqghet hawn Malta. Mid-dokumenti esebiti jirrizulta l-kuntrarju u dan

[17] A fol. 112 B

jirrizulta kemm mir-ricevuti tal-kera, kemm minn kontijiet tal-mekkanik, u kif ukoll mid-dokument tal-post ta' parkegg fejn kienet tkun parkeggjata gewwa Ruma.

Illi ghaldaqstant, it-Tribunal, huwa tal-fehma illi l-Bord evalwa hazin id-dokumenti sottomessi quddiemu meta assuma li r-rikorrenti kienet qieghdha ticcirkola f'Malta ghal tlett snin qabel l-applikazzjoni u dan biss abbazi tal-ezenzjoni moghtija mill-Awtorita` intimata. Pero dan it-Tribunal ma jistghax ma jirrilevax illi r-rikorrenti innifisha ma kinitx daqshekk cara u esplicita fl-ittra taghha mibghuta lill-predecessur tal-Awtorita` intimata bl-intenzjoni taghha li ssegwi kors b'korrispondenza. Minn qari tal-istess talba wiehed ghandu x'jifhem illi r-rikorrenti kienet qed titlob l-ezenzjoni biex ticcirkola f'Malta tul is-sentejn shah u cioe mill-2006 sal-2008. Dan se jigi rifless fil-kap tal-ispejjez.

Illi finalment it-Tribunal jaghmel referenza ghall-kontenut tan-nota responsiva tal-Ministeru intimat u jirrileva illi l-kontenut tal-istess nota ma jitrattax ir-raguni tar-rifjut tal-ezenzjoni u cioe li l-vettura kienet ilha hawn Malta ghal tlett snin imma jsemmi raguni li ma ssemmiet la fl-ittra tar-rifjut u wisq inqas fl-eccezzjonijiet tal-istess Ministeru. In fatti l-istess nota titratta l-punt tar-rekwizit ta' "residenza normali", liema rekwizit qatt ma gie dibattut fil-mori ta' dan l-appell u wisq inqas issemma', kif ga intqal, fl-ittra tar-rifjut. Kwindi certament dan it-Tribunal ma jistghax jidhol f'dan il-punt ghaliex ma kinitx ir-raguni ghala t-*Transfer of Residence Exemption Board* irrifjuta l-ezenzjoni in kwisjtoni.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet fuq moghtija, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata u jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, jichad l-eccezzjoni tal-Ministeru kjamat in kawza u jilqa' l-appell tar-rikorrenti billi jirrevoka d-decizjoni tal-Ministeru kjamat in kawza datata 19 ta' Gunju 2009 u jidderigi lill-istess Ministeru sabiex jerga' jevalwa d-decizjoni tieghu in vista ta' dak hawn fuq premess.

Bl-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------